32006L0030

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/30/KE

tat-13 ta' Marzu 2006

li temenda l-Annessi fid-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-grupp benomyl

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq oġġetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi tal-pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti oriġinarji mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħaxix [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

(1) Fil-każ taċ-ċereali u l-prodotti li joriġinaw mill-pjanti inkluż frott u ħxejjex, il-livelli tar-residwi jirriflettu l-użu ta' kwantitajiet minimi tal-pestiċidi meħtieġa sabiex tinkiseb il-protezzjoni effettiva tal-pjanti, applikata b' tali mod li l-ammont tar-residwu huwa baxx kemm jista' jkun aċċettabbli fil-prattika u tossikoloġikament, bil-konsiderazzjoni, b' mod partikolari għall-protezzjoni ta' l-ambjent u l-istima tal-konsum fid-dieta. Fil-każ ta' l-oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw minn annimali, il-livelli tar-residwi jirriflettu l-konsum minn annimali taċ-ċereali u l-prodotti li joriġinaw mill-pjanti li jiġu ttrattai bil-pestiċidi, u fejn huwa rilevanti, il-konsegwenzi diretti ta' l-użu tal-mediċini veterinarji. Il-livelli massimi ta' residwi Komunitarji (MRLs) jirrippreżentaw l-ogħla limitu ta' l-ammont ta' tali residwu li wieħed jista' jistenna li jsib fil-kumditajiet meta jkunu ġew rispettati prattiki agrikoli tajbin.

(2) L-MRLs għall-pestiċidi jinżammu għar-reviżjoni u jinbidlu sabiex tittieħed in konsiderazzjoni l-informazzjoni u data ġdida. L-MRLs huma stipolati fil-livell l-aktar baxx ta' l-iskoperta analitika fejn l-użu awtorizzat tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma' jirriżultawx f'livelli ta' residwi ta' pestiċidi li huma rintraċċabbli ġewwa jew fuq il-prodott ta' l-ikel, jew fejn m'hemm ebda użu awtorizzat, jew fejn l-użu awtorizzat mill-Istati Membri ma' kellhomx l-appoġġ tad-data meħtieġa, jew fejn l-użu f'pajjiżi terzi li jirriżultaw f'residwi ġewwa jew fuq il-prodotti ta' l-ikel li jistgħu jiċċirkolaw fis-suq tal-Komunitá ma ġewx appoġġati minn tali data meħtieġa.

(3) Bosta Stati Membri infurmaw lill-Kummissjoni dwar ix-xewqa li jirrevedu l-MRLs nazzjonali skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 90/642/KEE, fid-dawl tad-dubji dwar il-konsum mill-konsumatur. Proposti għar-reviżjoni ta' l-MRLs tal-Komunità ġew sottomessi lill-Kummissjoni.

(4) Iż-żmien u t-terminu qasir ta' esponiment tal-konsumaturi għall-pestiċidi li jissemmew f' din id-Direttiva permezz tal-prodotti ta' l-ikel ġew rivalutati u evalwati skond il-proċeduri u prattiki tal-Komunità, bil-konsiderazzjoni tal-linji gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa [4]. Skond dak, huwa xieraq li jiġu ffissati MRLs ġodda, li għandhom jaċċertaw li ma jkun hemm ebda esponiment ta' konsumazzjoni inaċċettabbli tal-konsumatur.

(5) Meta jkun sar il-valutazzjoni u evalwazzjoni ta' l-esponiment akut tal-konsumatur għal dawk il-pestiċidi permezz tal-prodotti ta' l-ikel li jistgħu jkun fihom residwi, skond il-proċeduri u l-prattiki tal-Komunità, bil-konsiderazzjoni tal-linji gwida ppubblikati mill-Organizzjoni Dinjija tas-Saħħa. Ġie konkluż li l-preżenza tar-residwi ta' pestiċidi fil-livell jew inqas ta' l-MRLs il-ġodda mhux ser iwasslu għall-effetti tossiċi akuti.

(6) Permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-partenarjat kummerċjali tal-Komunità ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda u ttieħdu in konsiderazzjoni l-kummenti tagħhom dwar dawn il-livelli.

(7) L-Annessi għad-Direttivi 86/362/EEC, 86/363/KEE u 90/642/EEC għandhom għalhekk ikunu emendati kif ġej.

(8) Il-miżuri provduti f' din id-Direttiva huma f' konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

---

[1] ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/4/KE (ĠU L 23, 27.1.2006, p. 69).

[2] ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 43. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/70/KE (ĠU L 276, tal-21.10.2005, p. 35).

[3] ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 71. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/9/KE (ĠU L 22, tas-26.1.2006, p. 24).

[4] Il-linji gwida li jipprevedu l-konsum fl-ikel tar-residwi tal-pestiċidi (reveduti), imħejjija mill-Programm dwar l-Ikel/GEMS b'kollaborazzjoni mal-Kumitat tal-*Codex* dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-1997 (WHO/FSF/FOS/97.7)

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Anness I tad-Direttiva 90/642/KEE fil-kategorija "2. Ħxejjex, friski jew mhux imsajra, iffriżati jew nixfin, (iii) Ħxejjex li jagħmlu l-frott, (a) Solanacea", Tiġi inkluża l-kelma "okra" bejn "brunġiel" u "oħrajn"

Artikolu 2

Il-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/362/KEE hija emendata skond l-Anness I għal din id-Direttiva.

Artikolu 3

Il-parti B ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/363/KEE hija emendata skond l-Anness II għal din id-Direttiva.

Artikolu 4

Il-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE hija emendata skond l-Anness III għal din id-Direttiva.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn [sitt xhur wara d-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea], il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom mingħajr dewmien jipprovdu lill-Kummissjoni bit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella korrispendenti bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [6 xhur u jum wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha issir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b' din id-Direttiva.

Artikolu 6

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-13 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Fil-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/362/KEE, il-linji tal-*benomyl, carbendazim* u *thiophanate-methyl* huma mibdula kif ġej:

Residwu tal-pestiċida	Livell massimu (μg/kg)	
"Benomyl u carbendazim, espressi bħala carbendazim	2	Xgħir
	2	Ħafur
	0,1	Segala
	0,1	Triticale
	0,1	Qamħ
	0,01 (*)	Ċereali oħrajn
Thiophanate-methyl	0,3	Xgħir
	0,3	Ħafur
	0,05	Segala
	0,05	Triticale
	0,05	Qamħ
	0,01 (*)	Ċereali oħrajn

(*) Tindika l-limitu ta' isfel tad-determinazzjoni analitika."

ANNESS II

Fil-Parti B ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/363/KEE, il-linji għall-*benomyls* u il-*carbendazim* u t-*thiophanate-methyl* jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

Residwu tal-pestiċida	Livell massimu (μg/kg)		
	Tal-laħam inkluż ix-xaħam, preparazzjonijiet tal-laħam, offal u xaħmijiet ta' l-annimali elenkati fl-Anness I taħt il-kodiċi CN Nri 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, eż 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602	Għall-ħalib u prodotti tal-ħalib elenkati fl-Anness I taħt il-kodiċi CN Nri. 0401, 0402, 0405 00 u 0406	Ta' bajd frisk bil-qoxra, ta' bajd ta' għasafar u l-isfar tal-bajd elenkati fl-Anness I taħt il-kodiċi CN Nri 0407 00 u 0408
"Carbendazim u thiophanate-methyl, espressi bħala carbendazim	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)

(*) Tindika l-limitu ta' isfel tad-determinazzjoni analitika."

ANNESS III

Fil-parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE, il-kolonna tal-grupp tal-benomyl tiġi sostitwiti b'dan li ġej:

Residwu tal-pestiċida u livell massimu tar-residwu		
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Somma benomyl u carbendazim, espressi bħala carbendazim	Thiophanate-methyl
"1. **Frott, frisk, imnixxef jew nej, ippriservat fil-friża, mingħajr zokkor miżjud; ġwież (nuts)**		
(i) IL-FROTT TAĊ-ĊITRU	0,1 (*)	0,1 (*)
Grejpfrut		
Lumi		
Lajm		
Mandolin (inkluzi l-klementini u ibridi oħra)		
Larinġ		
Pomelos		
Oħrajn		
(ii) ĠWIEŻ TAS-SIĠAR (*TREE NUTS*) (bil-qoxra jew mingħajrha)	0,1 (*)	0,2
Lewż		
Ġewż tal-Brażil		
Kexjus jew ġwież ta' l-anakardju		
Qastan		
Ġewż ta' l-Indi		
Ġellewż		
Makadamja		
Ġwież tal-Pekan		
Ġwież ta' l-arznu (*pine nuts*)		
Pistaċċi		
Ġewż		
Oħrajn		
(iii) FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA (*POME FRUIT*)	0,2	0,5
Tuffieħ		
Langas		
Sfarġel		
Oħrajn		

Residwu tal-pestiċida u livell massimu tar-residwu		
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Somma benomyl u carbendazim, espressi bħala carbendazim	Thiophanate-methyl
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA		
Berquq	0,2	2
Ċiras	0,5	0,3
Ħawħ (inklużin-nuċiprisk u ibridi simili)	0,2	2
Għanbaqar	0,5	0,3
Oħrajn	0,1 (*)	0,1 (*)
(v) FROTT ŻGĦIR IMĠERREB BĦAL FRAWLI		
(a) Għeneb ta' l-ikel u ta' l-inbid		
Għeneb ta' l-ikel	0,3	0,1 (*)
Għeneb ta' l-inbid	0,5	3
(b) Frawli (mhux salvaġġ)	0,1 (*)	0,1 (*)
(c) Frott tal-qasab (ħlief dak salvaġġ)	0,1 (*)	0,1 (*)
Tut		
Dewberries		
Loganberries		
Tut		
Oħrajn		
(d) Frott żgħir ieħor (ħlief dak salvaġġ)	0,1 (*)	0,1 (*)
Bilberries		
Cranberries		
Passolina (aħmar, iswed u abjad)		
Gooseberries		
Oħrajn		
(e) Berries u frott żgħir salvaġġ	0,1 (*)	0,1 (*)
(vi) DIVERSI	0,1 (*)	0,1 (*)
Avocado		
Banana		
Tamal		
Tin		

Residwu tal-pestiċida u livell massimu tar-residwu		
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Somma benomyl u carbendazim, espressi bħala carbendazim	Thiophanate-methyl
Kiwi		
Kumquats		
Litchis		
Mango		
Żebbuġ		
Papaya		
Passion fruit		
Ananas		
Rummien		
Oħrajn		
2. **Ħxejjex, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew imnixxfin**		
(i) ĦXEJJEX TAĦT FORMA TA' TUBERI JEW EGĦRUQ	0,1 (*)	0,1 (*)
Pitrava zokkrija		
Karrotti		
Cassava		
Krafes		
Mustarda użata għaz-zalza		
Qaqoċċ		
Zunnarija bajda		
Egħruq tat-tursin		
Ravanell		
Sassefrika		
Patata ħelwa		
Swedes		
Pjanta tal-ġenus		
Jam		
Oħrajn		
(ii) ĦXEJJEX TAĦT FORMA TA' BASAL	0,1 (*)	0,1 (*)
Tewm		
Basal		

Residwu tal-pestiċida u livell massimu tar-residwu		
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Somma benomyl u carbendazim, espressi bħala carbendazim	Thiophanate-methyl
Basal li jikber bħala għanqud jissejjaħ *shallot*		
Basal li jissejjaħ *Spring*		
Oħrajn		
(iii) ĦXEJJEX LI HUMA L-FROTTA TAL-PJANTA		
(a) *Solanacea*		
Tadam	0,5	2
Bżar		
Brunġiel	0,5	2
Okra	2	1
Oħrajn	0,1 (*)	0,1 (*)
(b) Gherq tal-qara' tal-fliexken - tal-qoxra li ma tittikilx	0,1 (*)	0,1 (*)
Ħjar		
Pikles		
Zukkini		
Oħrajn		
(c) Gherq tal-qara' tal-fliexken - tal-qoxra li ma tittikilx	0,1 (*)	0,3
Bettieħ		
Ħxejjex li jissejħu *squashes*		
Dullieħ		
Oħrajn		
(d) Qamħ bil-qalba li fiha ħafna zokkor	0,1 (*)	0,1 (*)
(iv) ĦXEJJEX BRASSICA		
(a) Brassica li tagħmel il-fjuri	0,1 (*)	0,1 (*)
Brokkli (inkluża il-Calabrese)		
Pastard		
Oħrajn		
(b) Brassica bir-ras		
Kaboċċi ta' Brussel	0,5	1
Kaboċċi tar-ras		

Residwu tal-pestiċida u livell massimu tar-residwu		
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Somma benomyl u carbendazim, espressi bħala carbendazim	Thiophanate-methyl
Oħrajn	0,1 (*)	0,1 (*)
(c) Brassica bil-weraq	0,1 (*)	0,1 (*)
Kaboċċi taċ-Ċina		
Kale		
Oħrajn		
(d) Qarabali	0,1 (*)	0,1 (*)
(v) ĦXEJJEX LI JITTIEKLU L-WERAQ TAGĦHOM & ĦAXIX AROMATIKU FRISK	0,1 (*)	0,1 (*)
(a) Ħass u simili		
Krexxuni		
Ħass tal-ħaruf		
Ħass		
Scarole (endive tal-werqa wiesa)		
Oħrajn		
(b) Spinaċi u simili		
Spinaċi		
Weraq tal-pitravi		
Oħrajn		
(c) Krexxuni ta' l-ilma		
(d) Witloof		
(e) Ħxejjex aromatiċi		
Maxxita		
Kurrat salvaġġ		
Tursin		
Weraq tal-karfus		
Oħrajn		
(vi) ĦXEJJEX LEGUMI (friski)		
Fażola (bil-miżwed)	0,2	0,1 (*)
Fażola (mingħajr miżwed)		
Fażola (bil-miżwed)	0,2	0,1 (*)
Piżelli(mingħajr miżwed)		

Residwu tal-pestiċida u livell massimu tar-residwu		
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Somma benomyl u carbendazim, espressi bħala carbendazim	Thiophanate-methyl
Oħrajn	0,1 (*)	0,1 (*)
(vii) ĦXEJJEX FORMA TA' ZOKK (friski)	0,1 (*)	0,1 (*)
Asparagu		
Kardun		
Karfus		
Bużbież		
Qaqoċċa		
Kurrat		
Rabarbru		
Oħrajn		
(viii) FAQQIEGĦ	0,1 (*)	0,1 (*)
(a) Faqqiegħ ikkoltivat		
(b) Faqqiegħ salvaġġ		
3. **ŻrieragĦ imnixxfin**	0,1 (*)	0,1 (*)
Fażola		
Għazz		
Piżelli		
Oħrajn		
4. **Żjut ta' ŻrieragĦ**		
Żerriegħa tal-kittien		
Karawett		
Żerriegħa tal-peprin		
Ġulġlien		
Żerriegħa tal-ġirasol		
Żerriegħa tal-lift		
Żerriegħa tas-soya	0,2	0,3
Żerriegħa tal-mustarda		
Żerriegħa tal-qoton		
Oħrajn	0,1 (*)	0,1 (*)

Residwu tal-pestiċida u livell massimu tar-residwu		
Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Somma benomyl u carbendazim, espressi bħala carbendazim	Thiophanate-methyl
5. **Patata**	0,1 (*)	0,1 (*)
Patata mhux misjura		
Varjazzjonijiet ta' patata		
6. **TE** (weraq imnixxef u żkuk, iffermentati jew mod ieħor, *Camelia sinensis*)	0,1 (*)	0,1 (*)
7. **ĦOPS** (imnixxef), inkluż qmuħ tal-ħops u forma ta' ħops fi trab mhux ikkonċentrat	0,1 (*)	0,1 (*)

(*) Tindika l-limitu ta' isfel tad-determinazzjoni analitika."